# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju, 2017**

**Numru 4**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 82/2012/1 JZM**

**Joachim *sive* Jack Galea (KI 14936G)**

***versus***

**L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; Il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014 minflok il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, l-atti ġew leġittimati f'isem il-Prim Ministru; u L-Avukat Ġenerali u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2015, issejjaħ fil- kawża l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura**

1. Dan huwa appell tal-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura u appell inċidentali ta' Joachim *sive* Jack Galea minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2016 li ikkundannat lill-Prim'Ministru, l-Avukat Ġenerali u lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex iħallsu lill-attur għoxrin elf euro (€20,000) bħala kumpens għall-ksur tad-drittijiet

fondamentali tiegħu imħarsa bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“l-Ewwel Protokoll”] kif ukoll id-drittijiet tiegħu skont l-art. 6 tal-istess konvenzjoni [“il-Konvenzjoni”].

2. Il-fatti relevanti huma dawn.

3. L-attur huwa sid ta’ biċċa art fix-Xlendi, Għawdex. Din l-art kienet oriġinarjament f’żona skedata bħala *Outside Development Zone*. Fis-6 ta’ Novembru tas-sena 1978 inħareġ permess ta’ żvilupp mill-*Planning Area Permit Board* [“*PAPB*”] li kien jiswa għal sena u li bis-saħħa tiegħu l-attur seta’:

> »... to erect dwellings subject to conditions on Form T.2 and drainage contribution, provided that all roads are constructed within applicant’s property and as per amended plans submitted.«[1]

4. Dan il-permess inħareġ taħt diversi kundizzjonijiet oħrajn, fosthom li tinħareġ il-linja tal-bini qabel ma l-attur ikun jista’ jibda jiżviluppa l-art.

5. Għalkemm l-attur igħid illi applika għall-linja tal-bini dakinhar stess li nħareġ il-permess, il-linja tal-bini baqgħet qatt ma nħarġet u l-*alignment file* relativ ma ġiex ipproċessat. Dan il-*file* baqa’ ma ntbagħatx Għawdex – fejn suppost kellu jintbagħat – għal madwar għaxar snin (mill-1978 sal-1988) u l-applikazzjoni tal-attur ġiet “iffriżata”[2]. L-attur igħid illi dan kollu ġara għax kien hemm ordnijiet diretti mill-ministru li dak iż-żmien kien responsabbli mill-iżvilupp biex il-*file* jinżamm u ma jsir xejn fuqu.

---

1 *Fol.* 8 tal-proċess tal-ewwel qorti.

2 Ara *foll.* 36 *et seqq.* tal-proċess.

6. Peress illi l-linja tal-bini ma kinitx ġiet definita, l-attur ma setax jiżviluppa l-art tiegħu u minħabba f'hekk il-permess li ngħatalu ma setax jinqeda bih.

7. Wara li ġara dan kollu, l-attur: i. kien talab li l-permess tal-1978 fuq imsemmi jerġa' jiġi mġedded iżda igħid li ma ngħata l-ebda tweġiba għal din it-talba; ii. kien applika mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-1997 biex jinħariġlu permess għall-bini ta' lukanda fuq il-proprjetà tiegħu iżda din l-applikazzjoni ġiet rifjutata mill-awtorità; iii. kien applika mill-ġdid mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-1999 biex jinħariġlu permess ieħor fuq il-proprjetà tiegħu għal "*ground floor commercial premises and holiday apartments*" iżda din l-applikazzjoni ġiet rifjutata.

8. L-attur fetaħ proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri, Ċivili) kontra l-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura, id-Direttur tax-Xogħolijiet u ċ-*Chairman* tal-*PAPB* fejn talab lil dik il-qorti sabiex:

> »1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba n-nuqqas tagħhom u dewmien fl-indikazzjoni tal-linja tal-bini fuq il-post sussegwentement għall-permess tal-bini li jġib in-numru 4088/466/76 datat sitta (6) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978);
>
> »2. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;
>
> »3. tikkundanna liill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata skond it-talba preċedenti;
>
> »4. fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jimmarkaw u jindikaw fuq il-post il-linja tal-bini li għandu jsir skond il-permess tal-bini fuq imsemmi u sussegwenti għall-applikazzjoni numru G2850/78.«

9. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Marzu 1994 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri, Ċivili) iddeċidiet kif ġej:

»... filwaqt li tiddeċiedi li hi inkompetenti skond l-artikolu 742(2) (3)[3] hemm fuq ċitat sabiex tesamina r-raba' talba attriċi u li l-azzjoni in rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet huma preskritti a bażi tal-artikoli 2153[4] ukoll ċitat:

»Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess raba' talba filwaqt li tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet.

»Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.«

10. L-attur sussegwentement beda proċeduri quddiem il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, li wara li fliet l-atti li ġew preżentati quddiemha kkonkludiet kif ġej:

» <u>Konklużjoni</u>

»Mix-xiehda tal-Perit Joe Mizzi, *ex*-Direttur tax-Xogħlijiet … … … u dik ta' John Lanzon, *ex-Chairman* tal-*P.A.P.B.* u *Senior Architect Planning,* jirriżulta li l-operat tal-*P.A.P.B.* kien ikkontrollat ħafna mill-Ministeru tax-Xogħlijiet; li, dwar it-talba ta' Jack Galea biex tingħatalu l-linja tal-bini wara li ġà kellu l-permess tal-*P.A.P.B.*, din ġiet sospiża fuq ordni diretta tal-Ministru Sant; li Jack Galea qatt ma ġie informat mill-*P.A.P.B.* b'dik l-ordni tal-Ministru Sant; li l-istess ministru kien ordna lil John Lanzon "biex hemmhekk ma nipproċessawx aktar permessi", iżda John Lanzon ma għamel l-ebda *office note* fil-*file* in kwistjoni dwar dik l-ordni ministerjali; u li kien hemm *files* li jkunu ġew miżmumin u fil-fatt ikunu fil-ministeru.

»Il-Kummissjoni irriżultalha wkoll mill-*movement card* li l-*alignment file* ta' Jack Galea kien ġie *"put way"* minn xi ħadd (li l-identità tiegħu mhix magħrufa, *stante* li ma hemm ebda minuta bil-firma fil-*file* in kwistjoni) fit-12 ta' Lulju 1980, skond il-*movement card,* jew fit-12 ta' Marzu 1982, skond il-qoxra ta' l-istess *file*, u reġa' tfaċċa fit-12 ta' Lulju 1988 (din id-darba hemm qbil bejn il-*movement card,* u l-qoxra tal-*file).*

»Mill-fatti fuq imsemmija il-kummissjoni tħoss li hemm il-probabilità li dak il-*file* x'aktarx li kien qiegħed għand il-Ministeru tax-Xogħlijiet matul is-sena li l-permess tal-*P.A.P.B.* kien għadu fis-seħħ, u tħalla hemm jew x'imkien ieħor bla ma ġie proċessat sat-12 ta' Lulju 1980 (jew sat-12 ta' Marzu 1982, skond il-qoxra tal-*file*), meta ġie *"put away"* bir-riżultat li l-permess li Jack Galea kien ottjena mingħand il-*P.A.P.B.* f'Novembru 1978 laħaq skada.

»Minn dawn il-fatti kollha jirriżulta għalhekk li kien hemm irregolaritajiet kbar u deplorevoli għall-aħħar, kollha a skapitu tas-Sur Galea; b'dana-

[3] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

[4] tal-Kodiċi Ċivili.

kollu din il-kummissjoni jidhrilha li ma kienx pruvat li kien hemm attijiet ta' korruzzjoni kif imsemmi fl-Att numru XXII tal-1988.

»Jibqa' l-fatt però li jidher li saret inġustizzja mas-Sur Jack Galea billi ma ngħatax il-possibilità, kif kellu dritt bil-liġi, bħal kull applikant ieħor, li l-applikazzjoni tiegħu tiġi trattata finalment skond il-liġi.«

11. L-attur imbagħad fetaħ din il-kawża tallum fit-30 ta' Novembru 2012 u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara li … … … ġew leżi fil-konfront tar-rikorrenti, u għadhom qegħdin jiġu ivvjolati fil-konfront tar-rikorrenti, u b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu, id-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu fuq imsemmija kif protetti mill-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-ewwel skeda tal-Kap. 319), kif ukoll id-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, u dan kemm meħudin waħedhom kif ukoll l-artikolu 6 meħud konġuntement mal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll meħud konġuntement mal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

»2. konsegwentement tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji għall-imsemmija vjolazzjonijiet li din l-onorabbli qorti jidhrilha xierqa u opportuni fis-sitwazzjoni a tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkluż dikjarazzjoni tal-imsemmija vjolazzjonijiet, ordni sabiex lir-rikorrent jerġa' jiġġeddidlu l-permess oriġinali tal-1978, ordni sabiex tinħareġ lir-rikorrent linja tal-bini, u likwidazzjoni ta' kumpens ġust għall-vjolazzjonijiet imsemmija, inkluż kumpens minħabba telf pekunjarju u minħabba żvalutazzjoni tal-proprjetà tar-rikorrent kif ukoll kumpens għal danni morali, u dan salv kwalsijasi rimedju ieħor li din l-onorabbli qorti jidhrilha xieraq u opportun;

»bl-ispejjeż u bl-intimati inġunti minn issa għas-subizzjoni.«

12. Il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent u l-Avukat Ġenerali wieġbu hekk:

»(1.1) illi, in linea preliminari, l-intimati Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimI kontradditturi fir-rigward tal-azzjoni odjerna *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 *stante* li tali talbiet mhumiex eżegwibbli kontra tagħhom peress li mhiex fil-mansjoni tagħhom li joħorġu xi permessi tal-bini u/jew li jiffissaw il-linja tal-bini ta' xi proprjetà u għaldastant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

»(1.2) illi, dejjem in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent naqas milli jesawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għalih skont il-liġi fi żmien meta dawn kienu disponibbli għalih sussegwentement għall-ħruġ tal-permess tas-sena 1978 li skada fi żmien sena u li qed jintalab permezz tal-azzjoni odjerna t-tiġdid tiegħu wara ħamsa u tletin sena. Dawn kienu jikkonsistu:

»(i) f'azzjoni għad-danni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 fl-istadju opportun;

»(ii) f'appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha datata 17 ta' Marzu 1994 (Ref. 50/1990); u

»(iii) fir-rigward tal-applikazzjoni tas-sena 1999 li kienet għal żvilupp differenti, f'appell mir-rifjut tal-bord kompetenti sabiex jiddeċiedi l-istess appelli tal-awtorità intimata.

»Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi odjerni, din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina li teserċita s-setgħet kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»(1.3) illi, in linea preliminari ukoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli *ratione temporis stante* li l-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem li allegatament ġie mwettaq fil-konfront tar-rikorrent seħħ qabel it-30 ta' April 1987;

»(1.4) illi, in linea preliminari wkoll, in kwantu permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jittenta li jġedded permess li inħareġ fis-sena 1978 għal *dwellings* u li kellu biss validità ta' sena, din l-azzjoni hi estinta bil-prekrizzjoni ta' tletin sena u għalhekk din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha;

»(1.5) illi, dejjem in linea preliminari, ir-rikorrent irid iġib il-prova tat-titolu tiegħu fuq l-art in kwistjoni;

»(2) illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma seħħ l-ebda ksur *da parte* tagħhom tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *da parte* tal-esponenti *ai termini* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward huma għal kollox insostenibbli għas-segwenti motivi:

»(2.1) illi, fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-esponenti mhumiex l-awtorità kompetenti sabiex joħorġu permess u/jew il-linja ta' bini ta' xi proprjetajiet. L-esponenti jirribattu li huma ma jistgħux iwieġbu għall-allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur hu kjarament marbut ma' azzjonijiet li ma itteħdux mill-istess esponenti;

»(2.2) illi, fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, jirriżulta mid-dokument-azzjoni ippreżentata mar-rikors odjern li filwaqt li l-permess li jmur lura għas-sena 1978 kien jindika *dwellings,* l-applikazzjoni li ġiet rifjutata mill-awtorità intimata fis-sena 1999 kienet tindika żvilupp differenti u *cioè* għal *ground floor commercial premises and holiday apartments* fuq art li jirriżulta li hija f'żona skedata bħala *outside development zone* li addirittura hija żona ekoloġika importanti;

»(2.3) illi, fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-allegat ksur tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 14 tal-

Konvenzjoni Ewropea, huwa irid jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' *like with like*;

»(2.4) illi, fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk semmai din l-onorabbli qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *da parte* tal-esponenti, dikjarazzjoni ta' din l-onorabbli qorti f'dak ir-rigward għandha tikkostitwixxi *just satisfaction* suffiċjenti; u fl-umli fehma tal-esponenti jrid jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent ma utilizzax il-mezzi disponibbli għalih skont il-liġi fl-istadji opportuni u *cioè* fis-sena 1978.«

13. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar wieġbet hekk:

» 1. illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu *stante* li l-awtorità eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap 12, u dana billi l-esponenti mhiex is-suċċessura tal-*PAPB* għal dak li jirrigwarda fatti li saru qabel l-awtorità intimata ġiet imwaqqfa u *cioè* f'Diċembru tal-1992 u għalhekk qatt ma jistgħu jiġu attriwibbli lilha u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

» 2. illi in linea preliminari wkoll it-talbiet rikorrenti huma irreċevibbli *ratione temporis* stante li fiż-żmien li r-rikorrent qed jallega li nkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu il-Konvenzjoni Ewropeja kienet għadha ma tiffurmax parti mil-liġi Maltija u għalhekk in kwantu l-azzjoni hija bażata fuq il-Kap. 319 din hija insostenibbli u din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha;

» 3. illi, preliminarjament ukoll, din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħet kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li l-istess rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih konsistenti f'appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha datata 17 ta' Marzu 1994 (50/1990) u f'appell mir-rifjut tal-applikazzjoni numru 5955/99, u liema rimedji ma ġewx utilizzati mir-rikorrent;

» 4. illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-awtorità intimata topponi t-talbiet rikorrenti u tirrileva illi ma seħħ l-ebda ksur da parti tagħha tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u dan għas-segwenti motivi:

» i. illi r-rikorrent għandu jressaq prova tat-titolu tiegħu dwar l-art imsemmija fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat, u dan sabiex jiġi radikat l-interess ġuridiku li hu għandu f'din il-kawża, u minn issa stess qed titqajjem eċċezzjoni f'dan is-sens;

» ii. illi l-awtoritajiet kompetenti li kienu dak iż-żmien jirregolaw il-ħruġ tal-permessi għall-iżvilupp kienu approvaw permess oriġinali għall-iżvilupp propost mir-rikorrent, liema permess kellu terminu ta' validità, u liema terminu skada;

» iii. illi ma kien jeżisti l-ebda obbligu sabiex tali permess jiġi fil-fatt imġedded, *stante* illi, kieku kien jeżisti tali obbligu, it-terminu ta' validita' tal-permess jiġi ma jagħmilx sens;

» iv. illi r-rifjut tat-tiġdid ingħata għar-raġunijiet leġittimi u abbażi taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

» v. illi fil-mument li r-rikorrent ġie mgħarraf illi l-permess tiegħu ma kienx ser jiġi imġedded, ir-rikorrent ma kellu l-ebda permess validu fil-pussess tiegħu *stante* li dan kien skada ferm qabel, u għaldaqstant ir-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jgħid illi kellu xi possediment jew proprjetà li ġiet imneħħija lilu b'mod inġust;

» vi. illi fil-valutazzjoni għat-talba tat-tiġdid ta' tali permess, l-awtoritajiet konċernati kienu użaw l-istess proċedura li a bażi tagħha huma kienu ikkunsidraw it-talba għall-permess oriġinali tar-rikorrent, liema proċedura kienet dik skont il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien, u r-rikorrent qatt ma lmenta mill-proċeduri użati mill-istess awtoritajiet meta huwa kien għamel it-talba u ingħata il-permess *de quo*;

» vii. illi *di più*, meta r-rikorrent ma ġiex lilu mġedded il-permess tal-iżvilupp, ingħata rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet illi huwa kien ħallas, u konsegwentement aċċetta bla riserva, u għaldaqstant ġie li akwejixxa għal tali deċiżjoni u għalhekk tilef kull jedd li jipproponi l-istanza odjerna;

» viii. illi l-awtorità intimata qdiet l-inkarigu tagħha u applikat il-kriterji u *policies* viġenti fir-rigward tal-applikazzjoni numru 5955/99 li kienet tikkonċerna talba għall-ħruġ ta' permess fuq sit li jinsab barra miż-żona ta' l-iżvilupp u preċiżament fit-tarf tal-wied f'żona ta' importanza ekoloġika, liema applikazzjoni ġiet rifjutata;

» ix. illi r-rikorrent ma intavolax appell mir-rifjut tal-applikazzjoni numru 5955/99;

» x. illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemm l-ebda bażi fuq xiex ir-rikorrent jista' jitlob id-danni allegatament sofferti minnu.«

14. L-ewwel qorti ddeċidiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent u tal-Avukat Ġenerali, u l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar permezz tas-sentenza *in parte* mogħtija fis-27 ta' Novembru 2014. Il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha kienu dawn:

»Ikkunsidrat :

»V. L-ewwel eċċezzjoni tal-Prim' Ministru (ġà tal-Ministru għat-Turismu, Kultura u l-Ambjent) u tal-Avukat Ġenerali

»Kemm l-Avukat Ġenerali, kif ukoll il-ministru l-ewwel u l-Prim' Ministru wara, qegħdin jeċċepixxu li mhumiex il-leġittimi kontradittturi tar-rikorrent skond l-art. 181B tal-Kap. 12 li jaqra hekk:-

> »"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :
>
> > »"Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> >
> > »"(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General ;
> >
> > »"(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;
> >
> > »"(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> »"(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern.

»Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 2011 fil-kawża <u>*Lay Lay Company Limited v.* Avukat Ġeneral</u> il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

> »Qiegħed jiġi allegat ukoll, iżda, li d-dokumenti tal-permess baqgħu ma ġewx konsenjati, la mill-*PAPB* u anqas mill-*MEPA* (li assumiet ir-responsabilità għall-ippjanar ambjentali u twaqqfet wara li spiċċat il-*PAPB*) lil Carabott jew lis-soċjetà appellanta li fil-frattemp kienet akkwistat il-proprjetà intiera tal-art in kwistjoni. Il-*MEPA* ssotni li hi ma hix legalment is-suċċessur tal-*PAPB*. Għalhekk ma setax jiġi eskluż li l-Gvern ta' Malta seta', anki jekk indirettament, ikollu xi responsabilità għall-vjolazzjonijiet allegati in kwantu dawn setgħu kkontribwew għalihom xi nuqqasijiet tal-*PAPB* li llum ma għadhiex teżisti u li għalhekk ma hemm ebda kap ta' dipartiment li kontra tiegħu tista' tiġi diretta l-azzjoni biex jirrispondi għal dik ir-responsabilita'. Għalhekk l-artikolu 181B(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, apparti dak li jista' jirriżulta fil-mertu, huwa applikabbli għall-każ odjern. Per konsegwenza l-Avukat Ġenerali kien u għadu kontradittur leġittimu f'dawn il-proċeduri u l-aggravju tas-soċjeta' appellanta f'dan ir-rigward hu ġustifikat u għalhekk ser tiġi respinta l-eċċezzjoni relattiva tal-Avukat Ġenerali u tiġi riformata s-sentenza appellata fejn illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju."

»Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jilmenta minn vjolazzjonijiet li mhux biss setgħet kienet involuta fihom il-*PAPB* iżda anke l-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogħolijiet.

»Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li għall-każ tal-lum għandu japplika wkoll l-art. 181B(2) tal-Kap. 12.

»Kif jidher anke minn atti li ġew preżentati mir-rappreżentat tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, il-Ministeru li seta' kien il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent fil-proċediment tal-lum bidel kemm l-isem kif

ukoll ir-responsabilitajiet tul iż-żmien. Fl-aċċertamenti tagħha, il-qorti trid tfittex iċ-ċertezza legali. Fir-rwol istituzzjonali tiegħu, l-Avukat Ġenerali jassikura wkoll iċ-ċertezza legali.

»Il-Prim'Ministru jikkontendi li mhijiex il-mansjoni tiegħu li joħroġ permessi tal-bini jew li jistabilixxi l-linja tal-bini. Minn esami tal-portafoll tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru jirriżulta li fost mansjonijiet oħra, hemm il-koordinazzjoni tal-Ippjanar, Politika u Prijoritajiet, u l-*MEPA*.

»Il-każ tal-lum jirrigwarda allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent. Min m'għandux iwieġeb għall-allegati vjolazzjonijiet għandu jibqa' barra mill-proċediment. Hekk iddeċidiet li għandu jkun il-każ tal-awtorità intimata. Iżda fejn ħaddieħor għandu jwieġeb, anke b'interpretazzjoni mhux restrittiva tal-art. 181B tal-Kap. 12, għandu joqgħod għall-ġudizzju tal-qorti skond il-provi li jitressqu. Għalhekk il-Prim' Ministru llum u l-Avukat Ġenerali huma leġittimi kontradittur tar-rikorrent mhux biss għaliex hekk hu skond l-art 181B tal-Kap. 12 iżda anke għaliex l-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-integrità tal-ġudizzju hekk jirrikjedu.

»<u>*Decide*</u>

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:-

»tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

»tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, dik bil-preċiż markata 1.1, tal-Prim' Ministru, ġà tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, u tal-Avukat Ġenerali. Għalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawża.«

15. Fit-13 ta' Marzu 2015 saret talba mill-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent kif ukoll mill-Avukat Ġenerali sabiex l-ewwel qorti jogħġobha ssejjaħ fil-kawża lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Wara li qieset ir-it-tweġiba tal-attur l-ewwel qorti laqgħet din it-talba.

16. Il-Ministru għat-Transport u Infrastruttura u l-Avukat Ġenerali sussegwentement wieġbu għar-rikors tal-attur kif ġej:

»illi in linea preliminari jiġi rilevat li l-intimat m'huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur preżentat fit-30 ta' Novembru 2015 għal ħruġ u/jew tiġdid ta' permessi *stante* li l-esponenti m'huwiex l-awtorità kompetenti sabiex joħroġ permessi;

»illi, ukoll in vena preliminari, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent naqas milli jesawrixxi r-rimedji ordinarji skont il-liġi fi żmien meta dawn kienu disponibbli għalih sussegwentement għall-ħruġ tal-permess tas-sena 1978 li skada fi żmien sena u li qed jintalab permezz tal-azzjoni odjerna t-tiġdid tiegħu wara ħamsa u tletin sena. Dawn kienu

jikkonsistu f'rimedji aċċenati diġà mill-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent u tal-Avukat Ġenerali fir-risposta intavolata minnhom fit-28 ta' Jannar 2013, kif ukoll f'azzjoni mir-rikorrenti li permezz tagħha seta' jintalab it-tiġdid tal-permess;

»Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi odjerni, din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»illi, in linea preliminari wkoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-artikolu 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli *ratione temporis* stante li l-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem li allegatament ġie mwettaq fil-konfront tar-rikorrent seħħ qabel it-30 April 1987;

»illi, dejjem in linea preliminari, in kwantu permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jittenta li jġedded permess li nħareġ fis-sena 1978 għal *dwellings* u li kellu biss validità ta' sena, din l-azzjoni hi estinta bil-preskrizzjoni ta' tletin sena *ai termini* tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 u għalhekk din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha;

»illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma seħħ l-ebda ksur *da parte* tagħhom tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *da parte* tal-esponenti *ai termini* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward huma għal kollox insostenibbli għas-segwenti motivi:

»illi jirriżulta mid-dokumentazjzoni ippreżentata mar-rikors odjern li filwaqt li l-permess li jmur lura għas-sena 1978 kien *dwellings,* l-applikazzjoni li ġiet rifjutata mill-awtorità intimata fis-sena 1999 kienet tindika żvilupp differenti u *cioè* għal *ground floor commercial premises and holiday apartments* fuq art li jirriżulta li hija f'żona skedata bħala *outside development zone* li addirittura hija żona ekoloġika importanti;

»illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-allegat ksur tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa jrid jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' *like with like;*

17. L-ewwel qorti ddeċidiet dwar il-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqin kif ġej:

»tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati Prim'Ministru (qabel, il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent) u tal-Avukat Ġenerali li baqgħu mhux deċiżi bis-sentenza tagħha *in parte* tas-27 ta' Novembru 2014;

»tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha, inkluża l-eċċezzjoni ulterjuri, sollevati mill-kjamat fil-kawża Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura;

»riferibbilment għall-ewwel talba, tiddikjara illi r-rikorrent ġarrab vjolazzjoni għad-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kif

protetti bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll id-drittijiet tiegħu skont l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni;

»riferibbilment ukoll għall-ewwel talba, tiddikjara li ma ssibx vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrent tal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

»riferibbilment għat-tieni talba, tillikwida favur ir-rikorrent għall-vjolazzjonijiet riskontrati skont l-ewwel talba kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000);

»tordna lill-intimat Prim'Ministru (qabel il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent), lill-intimat Avukat Ġenerali, u lill-kjamat fil-kawża Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex iħallsu lir-rikorrent il-kumpens likwidat favur tiegħu fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000);

»tordna lill-intimat Prim' Ministru (qabel il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent) u lill-intimat Avukat Ġenerali sabiex iħallsu l-ispejjeż relatati mas-sentenza tagħha *in parte* tas-27 ta' Novembru 2014, ħlief għall-ispejjeż tal-intimata Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li għandhom jitħallsu mill-attur;

»tordna lill-intimat Prim' Ministru (qabel, il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent), lill-intimat Avukat Ġenerali u lill-kjamat fil-kawża Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex iħallsu l-ispejjeż relatati mas-sentenza tagħha *in parte* tal-1 ta' Lulju 2014, ħlief għall-ispejjeż tal-intimata Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li għandhom jitħallsu mill-attur;

»tordna li l-ispejjeż l-oħra kollha jitħallsu mill-intimat Prim'Ministru (qabel, il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent), mill-intimat Avukat Ġenerali, u mill-kjamat fil-kawża Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura.«

18. Safejn rilevanti għal dawn l-appelli tallum, ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»... … …

» V. L-eċċezzjoni mmarkata 1.3. tal-Prim Ministru (ġià Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent) u l-Avukat Ġenerali, kif ukoll it-tielet eċċezzjoni u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kjamat fil-kawża

»Fis-sostanza t-tliet eċċezzjonijiet huma tal-istess natura. Għalkemm bejn it-tielet eċċezzjoni u l-eċċezzjoni ulterjuri *tidher* differenza fir-rigward tad-disposizzjonijiet iċċitati, id-differenza la hija ta' kwalità u lanqas ta' sostanza, billi t-tema komuni tat-tliet eċċezzjonijiet hija l-allegata vjolazzjoni lamentata seħħet qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk ir-rikorrent ma setax iressaq ilment abbażi tal-Konvenzjoni *ratione temporis.*

»Il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza li tat l-*ECtHR* fil-5 ta' April 2011 fil-każ ta' Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq *v.* Malta, … … … Hemm l-*ECtHR* qalet hekk:-

> »"38. The Court observes that in the absence of an express limitation, the Maltese declaration of 30 April 1987 is retrospective and the Court is therefore competent to examine facts which occurred between 1967 the date of ratification and 1987 the date on which the State's declaration under former Article 25 became effective (see Bezzina Wettinger and Others *v.* Malta, no. 15091/06, § 54, 8 April 2008). As to the antecedent period, even though the Convention was applicable to Maltese territory, this had its basis in the United Kingdom's Convention obligations. The present complaint is directed against the Maltese Government. Thus, the Court can only take into consideration the period which has elapsed since the Convention entered into force in respect of Malta (1967) ..."

»Din id-direzzjoni ġurisprudenzjali tgħodd *mutatis mutandis* għall-każ tal-lum u għalhekk din il-qorti qegħda tagħmilha tagħha anke għall-każ taħt eżami.

»Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni mmarkata 1.3 tal-Prim' Ministru (ġà Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent) u l-Avukat Ġenerali, kif ukoll it-tielet eċċezzjoni u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kjamat fil-kawża.

» ... … …

»VIII. It-talbiet

Il-qorti sejra tqis l-eċċezzjonijiet fil-mertu waqt li tkun qegħda tikkunsidra t-talbiet tar-rikorrent.

»1. L-ewwel talba

»Irriżulta ppruvat illi r-rikorrent huwa s-sid ta' art fix-Xlendi, Għawdex. Huwa applika mal-*PAPB "to erect dwellings subject to conditions on Form T2 ...".* Il-permess ħareġ fis-6 ta' Novembru 1978, u kien validu għal sena. Fl-istess ġurnata li ħareġ il-permess, ir-rikorrent applika biex jingħata l-linja.

»Irriżulta ppruvat illi l-linja tal-bini qatt ma ngħatat lir-rikorrent u qatt ma ngħata raġuni għala baqa' b'xejn.

»Ir-rikorrent jallega li l-*file* tiegħu għeb għal madwar għaxar (10) snin. Ilmenta mal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. Il-kummissjoni għamlet l-istħarriġ tagħha u sabet li r-rikorrent kien ġarrab inġustizzja.

»Irriżulta li wara li kienet kostitwita l-Awtorità tal-Ippjanar ir-rikorrent talab li l-proċedura li kienet trattata mill-*PAPB* tiġi proċessata mill-awtorità. Talab illi jiġġedded il-permess li kien ingħata fl-1978, iżda t-tiġdid ma sarx.

»Ir-rikorrent jissottometti li għalkemm kellu permess fl-1978 ma setax jibni għaliex ma kienx ingħata l-linja, u għalhekk il-permess ma kienx effettiv għaliex ma setax jagħmel użu tiegħu. Jikkontendi li billi ma setax jiżviluppa l-art għad li kellu permess validu, huwa ġarrab kontroll tal-użu tal-proprjetà tiegħu u/jew indħil li mhuwiex konsentit u lanqas ġustifikat skont l-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni. Isostni wkoll li billi baqa'

bla tweġiba dwar l-applikazzjoni għal-linja tal-bini, ġarrab leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli skont l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni għaliex spiċċa mċaħħad minn aċċess għal tribunal jew qorti. Dawn l-allegati vjolazzjonijiet, skont ir-rikorrent jikkostitwixxu diskriminazzjoni mhux permessa bl-art. 14 tal-Konvenzjoni għaliex skont ir-rikorrent fil-konfront tiegħu ntużat proċedura differenti minn dik li kienet tiġi applikata għal ħaddieħor.

»Mill-provi akkwiżiti, il-qorti tirreferi b'mod partikolari għall-permess nru 4088/78/466/76 (Dok. JG2) fejn ir-rikorrent ingħata permess għal sena *"to erect dwellings subject to conditions on Form T2 and drainage contribution, provided that all roads are constructed within applicants property and as per amended plans submitted*".

»Fil-kawża avv. nru 50/1990 fl-ismijiet <u>Jack Galea *v.* Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura *et*</u> deċiża fis-17 ta' Marzu 1994, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri), jirriżulta li r-rikorrent kien talab dikjarazzjoni ta' responsabilità għad-dewmien fl-għoti tal-linja u talab il-likwidazzjoni tad-danni. Il-qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-inkompetenza u laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

»Skont il-*file* tar-rikorrent, tirriżulta minuta fil-25 ta' Lulju 1977 li tgħid: *"Pl see preceding minute. Applicant may be informed that his request for a change in scheme has not been acceded to".* Fid-9 ta' Awissu 1977 tirriżulta oħra li tgħid: *".... Please inform, at the earliest, applicant to remit required plans and permits*". Segwita minn oħra *a fol.* 152 li tgħid: *"... In the circumstances I think that request may not be acceded to*". Minuta oħra tas-6 ta' Ottubru 1978 taqra: *" Building permit could be issued when applicant submits detailed plans and layout of site*". Imbagħad *a fol.* 158: *"In view of blue 53, shall we proceed for renewal as in min. red 52"* u din hija datata 2 ta' Lulju 1987. Għalhekk jidher li minn *fol.* 156 fis-6 ta' Novembru 1978 kien hemm *"permit sent"* u l-minuti jibqgħu għaddejjin sal-1982, u wara hemm qabża għall-1987.

»*Inoltre* mill-*alignment file* (Dok PC 1) jidher li l-ewwel data li tidher fil-faċċata tal-*file* hija 13 ta' Novembru 1978, id-data ta' wara hija t-12 ta' Marzu 1982, u wara dik hemm indikata s-sena 1988.

»Dawn huma l-fatti li joħorġu mill-provi.

»Għar-raġunijiet diġà mfissra, ir-rikorrent igħid li ġarrab ksur tal-jedd fondamentali tiegħu hekk kif tutelat bl-art. 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni**.**

»Fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ta' <u>*Lay Lay Company Limited v.* Malta</u> l-*ECtHR* qalet hekk :-

> »"(a) General principles
>
> »"83. The Court reiterates that Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property. The second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third rule, stated in the second paragraph, recognises that Contracting States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right

to the peaceful enjoyment of property. They should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, for example Bruncrona v. Finland, no. 41673/98, § 65, 16 November 2004). They must comply with the principle of lawfulness and pursue a legitimate aim by means reasonably proportionate to the aim sought to be realised (see, for example Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, §§ 108-14, ECHR 2000-I, and J.A. PYE (Oxford) Ltd v. the United Kingdom, no. 44302, § 42, 15 November 2005). The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see Brumarescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII). The Court also reiterates that in the area of land development and town planning, the Contracting States should enjoy a wide margin of appreciation in order to implement their town and country planning policies. Nevertheless, in the exercise of its power of review the Court must determine whether the requisite balance was maintained in a manner consonant with the applicant's right of property (see Abdilla v. Malta (dec.), no 38244/03, 3 November 2005, and J. Lautier Company Limited v. Malta (dec.) no. 37448/06, 2 December 2008).

»(b) Application to the present case

»84. The Court notes that the complaint before it is limited to the refusal to issue a permit. Thus the impugned measure in this case must be considered as a control of the use of property, to be considered under the third rule, i.e. under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 (see Allan Jacobsson (no. 1), cited above, § 54). The Court must therefore consider whether the authorities' refusal to issue a building permit was a lawful measure "necessary to control the use of property in accordance with the general interest". The task of the Court in this context is to examine the lawfulness, purpose and proportionality of the decisions taken by the domestic authorities (see, for example, Borg, cited above)."

»Fil-każ ta' Borg *v.* Malta l-Kummissjoni fil-pronunzjament tagħha tat-18 ta' Ottubru 1995 qalet hekk:-

»"The Commission recalls that Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) guarantees in substance the right of property and comprises three distinct rules. The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled to control the use of property in accordance wiht the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.

»However, the three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, as a recent authority, Eur. Court H.R., Air Canada judgment of 5 May 1995, Series A. No. 316, paras. 29,30).

»The Commission considers that the refusal of a building permit, in the particular circumstances of the present case, may be

regarded as an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his property as guaranteed by Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1). The interference falls to be examined under the second paragraph of this provision as it did not involve "deprivation" of property, but was a measure to "control the use of property".

»Consequently, the Commission must consider whether the refusal of the authorities to issue a building permit was a lawful measure "necessary to control the use of property in accordance with the general interest". The task of the Convention organs in this context is to examine the lawfulness, purpose and proportionality of the decision taken by the domestic authorities (cf., for example, No. 12258/86, Dec. 9.5.88, D.R. 56, p. 215). According to the Convention organs' case law, as regards the choice of the detailed legal rules implementing a measure for the control of the use of property, the domestic legislature must have a wide margin of appreciation. In respect of the purpose of the measures, the Convention organs must respect the domestic legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment was manifestly without reasonable foundation (Eur. Court H.R., Mellacher and Others judgment of 19 December 1989(, Series A no. 169, p. 26, para. 45).

»In the present case the Commission notes that the refusal of the applicant's petition for a building permit was based on the relevant domestic legal provisions. Furthermore, the restrictions on the height of the buildings were clearly a measure in pursuance of a general interest, namely the proper organisation of populated areas, and it is not for the Commission to decide whether other aims of general interest, such as the development of tourism, should have had priority.

»It follows that this part of the application is manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

»Fil-każ taħt eżami, jirriżulta li wara li r-rikorrent ingħata l-permess tal-bini mill-*PAPB*, għamel l-applikazzjoni għal-linja tal-bini kif jidher mill-*alignment file* (Dok PC1). Għalkemm l-intimati jidhrilhom diversament, il-qorti ma tistax tiskarta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (Dok JG4) mnejn jirriżulta kjarament li:-

»"Mix-xiehda tal-Perit Joe Mizzi *ex*-Direttur tax-Xogħolijiet, kif imsemmija fil-paragrafi 7 ta' dan ir-rapport, u dik ta' John Lanzon, *ex-Chairman PAPB* u *Senior Architect Planning*, jirriżulta li l-operat tal-*PAPB* kien ikkontrollat ħafna mill-Ministeru tax-Xogħolijiet; li dwar t-talba ta' Jack Galea biex tingħatalu l-linja tal-bini wara li ġà kellhu l-permess tal-*PAPB* din ġiet sospiża fuq ordni diretta tal-Ministru Sant; li Jack Galea qatt ma ġie informat mill-*PAPB* b'dik l-ordni tal-Ministru Sant; li l-istess ministru kien ordna lil John Lanzon "biex hemmhekk ma nipproċessawx aktar permessi", iżda John Lanzon ma għamel l-ebda *office note* fil-*file* in kwistjoni dwar dik l-ordni ministerjali; u li kien hemm *files* li jkunu ġew miżmumin u fil-fatt ikunu fil-ministeru. ... Jibqa' l-fatt però li jidher li saret inġustizzja mas-Sur Jack Galea, billi ma ngħatax il-possibilità, kif kellhu dritt bil-liġi, bħal kull applicant ieħor, li l-applikazzjoni tiegħu tiġi trattata finalment skond il-liġi."

»Jirriżulta illi:-

»i) it-talba tar-rikorrent sabiex tingħatalu linja ġiet sospiża fuq ordni diretta tal-ministru ;

»ii) li r-rikorrent qatt ma ġie infurmat b'dik l-ordni;

»iii) li r-rikorrent qatt ma ngħata l-possibilità li l-applikazzjoni tiegħu tiġi trattata skont il-liġi.

»Għalhekk jirriżulta kjarament illi għalkemm ir-rikorrent kellu permess tal-bini, ma seta' effettivament jagħmel assolutament xejn bil-permess proprju għaliex għalkemm applika ma ngħata qatt il-linja tal-bini. Din il-linja baqgħet ma ngħatatx minħabba aġir abbużiv tal-awtoritajiet addetti mit-talba tiegħu. Ir-rikorrent kellu jdejh marbuta u ma' seta jagħmel xejn.

»Fil-kuntest tal-art. 1 Prot. 1, wieħed irid jara jekk rifjut li tingħata l-linja tal-bini *was a lawful measure "necessary to control the use of property in accordance with the general interest".* Fil-każ tar-rikorrent ma ngħata l-ebda raġuni tajba għaliex ma ngħatax il-linja tal-bini. Ir-raġuni li ngħata ma kenitx b'relazzjoni mal-linja. Infatti meta l-permess tiegħu ma ġiex rinnovat ir-raġuni li ngħata kien minħabba problemi ta' għargħar. Din il-qorti tgħid iżda illi anke f'dan il-każ huwa ġie nfurmat b'dan b'ittra datata 30 ta' Novembru 1979 mibgħuta mill-*PAPB* fejn jingħad:- "Wara l-maltempata kbira tax-xahar li għadda naħseb li m'għadx hemm lok għal insistenza tiegħek biex jinħarġu l-permessi għall-bini fl-area indikata minnek". Din m'għandhiex titqies bħala deċiżjoni li ttieħdet fuq bażi legali. Ma saret l-ebda prova illi l-permess li kellu r-rikorrent ma setax jiġi rinnovat minħabba xi regolament ġdid ta' ppjannar. Minbarra dan lanqas ma saret prova li l-linja tal-binja qatt ma ngħatat għaliex din kienet *a lawful measure necessary to control the use of property in accordance with the general interest.*

»Il-linja tal-bini ma ngħatatx għaliex hekk kien dirett mill-ministru konċernat – u għal ebda raġuni oħra.

»Il-qorti għalhekk issib vjolazzjoni tal-art. 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni.

»Ir-rikorrent jilmenta wkoll minn ksur tal-jedd fondamentali tiegħu hekk kif tutelat bl-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

»Ir-rikorrent jikkontendi illi peress li qatt ma ngħata risposta dwar l-applikazzjoni tiegħu għal-linja tal-bini u t-tiġdid tal-permess kien hemm leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, kif ukoll kien imċaħħad minn aċċess għal tribunal u/jew qorti.

»Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Settembru 2009 fil-kawża <u>*Lay Lay Co Ltd v.* L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *et*</u> (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar 2011) kien ingħad illi –

> »"Illi l-atti ta' din il-kawża juru sewwa li l-qofol tal-kwestjoni bejn *LLC* u l-*MEPA* hija dwar għamil (konsistenti f'deċiżjoni, jew aħjar, nuqqas ta' deċiżjoni) ta' natura amministrativa. F'każ bħal dan u fejn l-għamil jolqot drittijiet tal-applikant li huma ta' bixra "pekunjarja", l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jorbot lill-Istat li jipprovdi mekkaniżmu li bih il-parti mġarrba minn xi deċiżjoni amministrativa tista' tikkontesta għamil bħal dak quddiem tribunal jew qorti li tħaddan il-garanziji ta' qorti imparzjali u indipendenti kif maħsub fl-istess artikolu. Jiġifieri, jiggarantixxi dritt ta' aċċess għal qorti jew tribunal indipendenti b'setgħa sħiħa fid-dritt u fil-fatt li jisma' l-

ilment tal-persuna mġarrba u li jista' jagħti rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' tali jedd jew obbligazzjoni ċivili u dan fi żmien xieraq u raġonevoli. Iżda dak l-artikolu ma jgħoddx fejn joħroġ ċar li l-persuna mġarrba ma jkollhiex "jedd ċivili" li dwaru tista' tqum il-kwestjoni;"

»L-ilment tar-rikorrent għandu jiġi kkunsidrat taħt żewġ aspetti – i) il-linja tal-bini ; ii) it-tiġdid tal-permess.

»Dwar li ġara fuq il-linja tal-bini, il-*file* huwa eżebit *a fol.* 312. Minnu jidher li nfetaħ fit-13 ta' Novembru 1978, jiġifieri sebat ijiem wara li ħareġ il-permess. Kien hemm qabża ta' erba' snin, u *cioè* sal-1982. Imbagħad reġa' beda jingħata konsiderazzjoni fl-1988. Mill-*file* ma jirriżultax li qatt kien hemm xi tip ta' deċiżjoni dwar il-linja tal-bini. Jirriżulta wkoll mill-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni illi r-rikorrent ma kienx jaf x'kien qed jiġri, u li għalhekk effettivament mingħajr deċiżjoni ta' rifjut ma setax jaċċedi għal tribunal jew qorti sabiex jipprova jikkontesta d-deċiżjoni. *Inoltre* rriżulta li, għal għaxar snin sħaħ bejn l-1978 sal-1988, ir-rikorrent lanqas biss kien jaf fejn kien qiegħed dan l-*alignment file.*

»Kif qalet l-*ECtHR* fil-każ ta' *Lay Lay Company Limited v.* Malta il-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati huma –

»"55. Under Article 6 § 1 of the Convention it is necessary that decisions of administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of that Article should be subject to subsequent control by a judicial body (see Ortenberg v. Austria, cited above, § 31, and Crisan v. Romania, no. 42930/98, § 24, 27 May 2003). The right of access to a court is an inherent aspect of the safeguards enshrined in Article 6. Thus, Article 6 § 1 secures to everyone the right to have a claim relating to his civil rights and obligations brought before a court (see Markovic and Others v. Italy [GC], no. 1398/03, § 92, ECHR 2006-XIV). At the same time, the "right to a court" is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a certain margin of appreciation in this regard. However, these limitations must not restrict or reduce a person's access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (see Edificaciones March Gallego S.A. v. Spain, 19 February 1998, § 34, Reports of Judgments and Decisions 1998-I, and De Geouffre de la Pradelle v. France, 16 December 1992, § 28, Series A no. 253-B).

»56. Rules governing the procedure and time-limits applicable to legal remedies are intended to ensure a proper administration of justice and compliance with, in particular, the principle of legal certainty (see, mutatis mutandis, Miragall Escolano and Others v. Spain, nos. 38366/97, 40777/98, 40843/98, 41015/98, 41400/98, 41446/98, 41484/98, 41487/98 and 41509/98, ECHR 2000-I). It is not for the Court to interpret procedural rules. Its role in cases such as the present is to determine whether the applicant was able to count on a coherent system that struck a fair balance between the authorities' interests and his own and, in particular, whether he was given a clear, practical and effective opportunity to challenge an administrative act that allegedly constituted a direct interference with his rights (see Geffre v. France (dec.), no. 51307/99, ECHR 2003-I (extracts)).

»Fil-każ tal-lum irriżulta li r-rikorrent ma ngħatax opportunità ċara, prattika u effettiva sabiex ikun jista' jattakka l-fatt li qatt ma ngħatatlu l-linja tal-bini.

»Għal li jirrigwarda t-tiġdid tal-permess, jirriżulta mill-atti illi r-rikorrent kien infurmat illi l-permess tiegħu ma kienx se jiġi mġedded u r-raġuni li ngħata kienet minħabba għargħar li kien hemm fiż-żona dak iż-żmien. Hija l-fehma tal-qorti li sar ċirku vizzjuż għaliex għalkemm ir-rikorrent għall-bidu kellu permess validu, kien prekluż milli jagħmel żvilupp għaliex il-linja baqgħet ma ngħatatx. Minħabba dan il-fatt, anke li kieku l-permess ġie mġedded, xorta waħda ma setax jagħmel żvilupp tas-sit ladarba l-linja baqgħet ma ngħatatx.

»Dwar jekk ir-rikorrent setax jappella wara li rċieva l-ittra tat-30 ta' Novembru 1979, jirriżulta li effettivament ir-rikorrent qatt ma rċieva ittra uffiċjali li tgħidlu li l-permess tiegħu ma kienx ġie mġedded. Jekk wieħed jara l-minuti tal-*file* tal-*PAPB* 466/76, bħal dik nru 16 datata 29 ta' Lulju 1977, hemm miktub li *"applicant to be informed that his request ... has not been acceded to."* Meta mbagħad wieħed jara l-minuta nru 47 kull ma hemm huwa *"Letter Mr Jack Galea"* – xejn iktar. Ma hemmx miktub li l-pemess ma kienx se jiġġedded.

»Għalhekk il-qorti hija sodisfatta li anke għal dak li jirrigwarda t-tiġdid tal-permess, ir-rikorrent ma setax effettivament u b'mezzi ġudizzjarji jattakka l-ittra tat-30 ta' Novembru 1979. Tajjeb jingħat ukoll li l-*file* kien *mitluf* għal snin sħaħ.

»Il-qorti għalhekk issib vjolazzjoni tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

»Ir-rikorrent jilmenta wkoll minn leżjoni tal-art. 14 tal-Konvenzjoni għaliex fil-konfront tiegħu fil-ġrajja in kwistjoni ntużat proċedura differenti minn dik li kienet applikata għal ħaddieħor.

»Fis-sentenza tal-*ECtHR* fil-każ Zammit Maempel *v.* Malta ingħad hekk dwar l-art 14 tal-Konvenzjoni :-

> »1. General Principles
>
> »81. The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (see Mintoff v. Malta, (dec.), no. 4566/07, 26 June 2007).
>
> »82. In order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous or relevantly similar situations (see D.H. and Others v. The Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007, and Burden v. The United Kingdom [GC], no 13378/05, § 60, ECHR 2008-). Such a difference of treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Carson and Others v. the United Kingdom [GC], no. 42184/05, § 61, ECHR 2010-…). The Court also points out that the grounds on which those differences of treatment are

> based are relevant in the context of Article 14. Only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see O'Donoghue and Others v. the United Kingdom, no. 34848/07, § 101, ECHR 2010-… (extracts).

»Mill-atti, fuq bażi ta' fatt, ma tirriżultax prova li kien hemm applikazzjonijiet oħra ta' terzi għal tiġdid ta' permessi simili għal dawk tar-rikorrent fejn dawk l-applikazzjonijiet kienu milqugħa u l-permessi mġedda. Anzi jirriżulta mill-ittri li ġew ippreżentati li kien hemm numru ta' applikazzjonijiet oħra, li wkoll qatt ma rċevew risposta. Il-qorti tirreferi għall-ittra datata 8 ta' Mejju 1983 li bagħat ir-rikorrent lil *chairman* tal-*PAPB* (*fol.* 222) – *"The following applicants, who applied for a building permit on an approved scheme dated 6th October 1978, and in virtue of the said approved scheme, building permit no 4088/78/466/76 – which covered all my area of Land in Xlendi, are still waiting for their building permits."*

»Tenut kont tal-assjem il-qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-art. 14 tal-Konvenzjoni.

»2. It-tieni talba

»Diversi kienu r-rimedji li talab ir-rikorrent fit-tieni domanda.

»Għal din il-qorti, il-leżjonijiet aċċertati għall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent fixklu b'mod gravi kull pjan li kellu fit-tgawdija paċifika ta' ħwejġu.

»Hija l-fehma konsiderata tal-qorti illi mir-rimedji li talab ir-rikorrent huwa għandu jingħata kumpens xieraq.

»Waqt illi tgħid illi l-għadd tal-kumpens m'għandux ikun ammont ta' flus ekwivalenti għall-valur tal-art, fl-istess waqt tqis li l-permess li kien ħareġ kien għall-iżvilupp ta' residenzi mhux għal skopijiet kummerċjali. Bil-fatt illi ħareġ il-permess, ir-rikorrent bir-raġuni kellu l-aspettativa li seta' jagħmel l-iżvilupp fil-parametri tal-permess konċess lilu. Tenut kont ta' dan, il-qorti trid tqis il-vjolazzjonijiet riskontrati fil-kuntest tal-art kif inhi llum, proprju għaliex il-kumpens qiegħed jingħata llum. Triq tqis li l-kawża tal-lum kienet intavolata lejn l-aħħar tal-2012, inqas minn erba' snin ilu, u snin twal wara li r-rikorrent skopra x'kien ġralu tassew dwar din il-kwistjoni tal-linja. Qiegħda tgħid dan kollu għax mal-medda tas-snin inbidlu l-liġijiet, u l-*policies* tal-iżvilupp, għal xi aspetti, saru aktar restrittivi, fatturi dawn li kollha għandhom piż fuq il-mod kif il-qorti sejra tiżen id-diskrezzjoni tagħha meta tiġi biex tindirizza r-rimedju spettanti lir-rikorrent.

»Dan premess, il-qorti tirrileva illi r-rikorrent ressaq bħala prova valutazzjoni li saret mill-Perit Ray Agius (*fol.* 432) li kkonkluda illi jekk is-sit jitqies biss bħala żona rurali mingħajr permess tal-bini, għandu valur ta' €1,200 waqt li jekk jitqies bħala żona fejn jista' jsir l-bini allura l-valur ikun ta' €2,000,000.

»Tenut kont tan-natura tal-leżjonijiet li ġarrab ir-rikorrent, u l-effett negattiv li dawn kellhom fuq ħwejġu, fl-isfond tat-tebgħa li l-ġrajja tar-rikorrent tħalli fuq l-amministrazzjoni pubblika, il-ħtieġa li l-amministrazzjoni pubblika tibqa' *accountable* mingħajr riservi skont kif trid il-liġi, u li allura l-amministrazzjoni pubblika għandha twieġeb konformement kull meta twarrab jew tikser il-jeddijiet fondamentali tal-persuna, kif irriżultat ippruvat li seħħ fil-każ tal-lum, il-qorti qiegħda tillikwida

> kumpens favur ir-rikorrenti għal leżjonijiet li ġarrab fl-ammont ta' €20,000 wara li kejlet il-ġudizzju tagħha bil-qies tal-proporzjonalità u tal-bilanċ.«

19. Il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura appellaw kemm mis-sentenza *in parte* tas-27 ta' Novembru, 2014 kif ukoll mis-sentenza finali b'rikors tad-19 ta' Ottubru 2016. L-attur wieġeb fil-31 ta' Ottubru 2016 u ressaq ukoll appell inċidentali mis-sentenza finali tal-ewwel qorti.

20. Nibdew billi inqisu l-aggravji tal-konvenuti. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi fis-sentenza *in parte* l-ewwel qorti ma jmisshiex ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent u tal-Avukat Ġenerali li m'humiex il-leġittimi kontradittturi. Fissru dan l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> »Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti hu mid-deċiżjoni *in parte* tas-27 ta' Novembru 2014 fejn l-ewwel onorabbli qorti iddeċidiet li tiċħad l-eċċezzjoni preliminari immarkata (1.1) tal-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent u tal-Avukat Ġenerali fejn l-esponenti eċċepew li mhumiex il-leġittimi kontradittturi għall-azzjoni odjerna. Illi f'dan ir-rigward, l-appellanti isostnu li l-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent li sussegwentement ġie sostitwit bil-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-leġittimi kontradittturi f'dan il-każ u dan a bażi tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 *stante* li l-Gvern kien debitament rappreżentat mill-kjamat in kawża l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Illi hi ġurisprudenza kostanti li sabiex ma jkunx hemm multipliċità ta' spejjeż il-gvern għandu jkun debitament rappreżentat minn min hu responsabbli sabiex jirrispondi għall-lanjanzi kif dedotti fir-rikors promotur. Illi għalhekk l-esponenti jissottomettu li għandu jirriżulta ċar mill-provi in atti li l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, kif kien debitament rappreżentat, laqa' għall-azzjoni odjerna u ġab il-provi konkreti sabiex ixejjen l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur.«

21. L-attur wieġeb hekk:

> »Illi jibda biex jiġi rilevat illi billi l-ewwel aggravju jittratta dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimità mogħtija mill-Avukat Ġenerali u mill-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent (illum il-Prim' Ministru), il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura ma għandu ebda interess

ġuridiku biex jappella minn din id-deċiżjoni għaliex ma tolqotx lilu u f'dan ir-rigward l-appell għandu jiġi miċħud;

»Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jgħidu illi l-Prim' Ministru (ġà Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent) u l-Avukat Ġenerali m'humiex leġittimi kuntradditturi f'din il-kawża u f'dak is-sens qed jappellaw mis-sentenza tas-27 ta' Novembru 2014. L-appellanti qed jinsew, però, li l-fatti ta' dan il-każ huma partikolari ħafna. *Si tratta* minn permess tal-*Planning Area Permits Board* (li llum m'għadux jeżisti) u minn *alignment file* relattiv għall-istess permess li għamel żmien twil mitluf u wara rriżulta li kien inżamm apposta biex ma jiġix ipproċessat u dan fuq ordni tal-ministru li dak iż-żmien kien responsabbli mill-permess tal-bini u x-xogħolijiet inkluż l-allinjamenti tat-toroq. Fiċ-ċirkostanzi l-esponent bilfors kellu jdaħħal lill-intimati kollha fil-ġudizzju biex jaċċerta ruħu li kull min seta' kellu r-responsabbilta' ta' dan l-aġir ikun fil-kawża. Jirriżulta illi l-*Planning Area Permits Board* ma għadux jeżisti u hawnhekk diġà hemm bażi biex l-Avukat Ġenerali jkun fil-kawża anke a bażi tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12. *Inoltre* jirriżulta bħala fatt illi parti mir-responsabbiltà tal-akkadut kienet tal-ministru ta' dak iż-żmien li fuq ordni tiegħu l-*file* tal-esponent baqa' ma ġiex ipproċessat. L-esponenti esebixxa evidenza ta' kif għaddew il-mansjonijiet li qabel kienu jappartjenu lill-Ministru responsabbli mix-Xogħlijiet u billi dawk il-mansjonijiet, kif tajjeb iddeċidiet l-ewwel qorti fis-sentenza tas-27 ta' Novembru 2014, illum jaqgħu f'idejn il-Prim' Ministru, isegwi għalhekk li dan qiegħed ukoll leġittimament f'din il-kawża. Bir-rispett kollu, d-deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2014 hija korretta fir-raġunament tagħha u għalhekk ma għandhiex tiġi ddisturbata. *Inoltre*, ta' min jinnota ukoll illi l-kjamat in kawża tal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura ntalab mill-appellanti stess *wara* li ġiet deċiża s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2014 u għalhekk ma jistgħux issa jilmentaw illi hemm multipliċità ta' intimati f'din il-kawża.«

22. Il-konvenut f'din il-kawża ma huwiex il-Prim'Ministru, il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura jew l-Avukat Ġenerali: il-konvenut huwa l-Gvern ta' Malta u dawk l-uffiċjali ġew imħarrkin bħala rappreżentanti tal-Gvern ta' Malta. Il-kwistjoni għalhekk hi jekk dik ir-rappreżentanza hijiex vestita fihom jew le.

23. Dwar dan, l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa ċar: għall-gvern jidher jew il-kap tad-dipartiment "li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni" jew, meta – bħal fil-każ tallum, għax il-*PAPB* huwa soppress – ma jkun hemm ebda kap ta' dipartiment hekk

inkarigat, l-Avukat Ġenerali, iżda qatt il-Prim'Ministru jew xi ministru ieħor. L-eċċezzjoni għalhekk safejn tolqot lill-Prim'Ministru, li qiegħed fil-kawża flok il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, għandha tintlaqa'. Strettament lanqas il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura – li, ironikament, issejjaħ fil-kawża fuq talba tal-konvenuti stess – ma għandu jibqa' fil-kawża għax ma jirrappreżentax lill-gvern fil-kawżi, iżda, billi ma tressqet ebda eċċezzjoni dwar dan il-ministru, il-qorti ma hija sejra tagħti ebda provvediment.

24. Inċidentalment, dan il-fatt iwieġeb għall-eċċezzjoni li l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura ma għandux interess f'dan l-appell: ladarba l-appell qiegħed isir mill-konvenut li hu l-Gvern ta' Malta, u, billi ma tressqitx eċċezzjoni dwar il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, dan il-ministru wkoll flimkien mal-Avukat Ġenerali qiegħed jidher għall-gvern, l-appell sar sew għax ma huwiex kontestat li l-gvern għandu interess fil-kawża.

25. Il-qorti għalhekk sejra tirriforma s-sentenza *in parte* billi tikkonfermaha fejn ma ħarġitx lill-Avukat Ġenerali mill-kawża u tħassarha fejn ma laqgħetx l-eċċezzjoni dwar il-Prim'Ministru, li ddaħħal fil-kawża flok il-Ministru għat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent, u, minflok, teħles lill-Prim' Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju.

26. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-konvenuti li jolqot is-sentenza finali tal-ewwel qorti. Il-konvenuti jgħidu illi peress li l-fatti li l-attur jgħid li kisru l-jeddijiet tiegħu seħħew qabel it-30 ta' April tal-1987 l-ewwel

qorti ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione temporis*. Komplew fissru dan l-aggravju hekk:

> »Illi t-tieni aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt li, bid-dovut rispett, l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u tal-Avukat Ġenerali u *cioè* li t-talbiet tar-rikorrent bbażati fuq l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni huma irreċevibbli fit-termini tal-artikolu 7 tal-imsemmija Konvenzjoni *stante* li ċ-ċirkostanza li skont ir-rikorrent appellat ġġib magħha l-ksur seħħet qabel April tal-1987. Illi, in sostenn tal-posizzjoni tagħhom, l-esponenti jirreferu għad-deċiżjoni tal-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li fis-sentenza fl-ismijiet <u>John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et*</u> mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2015 sostniet hekk:
>
>> »"Dan l-artikolu (*cioè* l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni[5]) jipprovdi *inter alia* li ebda ksur tal-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4, u *cioè* għal azzjoni li biha ssir talba lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju. Dan l-artikolu ma jirrispekja ebda disposizzjoni tal-Konvenzjoni u għalhekk il-każistika tal-organi fi Strasburgu rigward disposizzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-artikolu 7 imsemmi, għalkemm tista' tkun dejjem fonti ta' ispirazzjoni, ma tistax tkun ta' wisq għajnuna u ċertament ma tistax tkun determinanti fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-artikolu 7.
>>
>> »"Kif ġà ingħad, din il-qorti ma tistax, kif donnu qegħdin jippretendu r-rikorrenti, tinjora dak li jipprovdi l-artikolu 7 imsemmi u anzi, l-istess artikolu jarġina l-kompetenza ta' din il-qorti in kwantu għal azzjonijiet taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea."
>
> »Illi għaldaqstant l-ewwel onorabbli qorti kellha tiddeżisti milli tieħu konjizzjoni tal-allegati vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea lamentati mir-rikorrent appellat, ladarba dawn seħħu qabel April tas-sena 1987.«

27. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

> »Illi għar-rigward tat-tieni aggravju dan ukoll huwa manifestament infondat. Għall-kuntrarju tal-kawża waħda li jiċċitaw l-appellanti, hemm ġurisprudenza ampja li tgħid propju bil-maqlub u *cioè* illi l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali kien diġà tutelabbli mil-liġi sal mill-1967 u għalhekk ma hemm ebda ostakolu *ratione temporis* kif jippretendu l-appellanti. L-esponenti jagħmel referenza għas-segwenti każistika fejn ġie ribadit illi l-Konvenzjoni Ewropea ilha li ġiet iffirmata mill-Istat Malti sa mill-1967 u għalhekk l-istess drittijiet fundamentali ilhom jorbtu lill-Istat sa minn dik id-data: <u>Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq *v.* Malta</u> (deċiża mill-Qorti ta' Strasburgu fil-5 ta' April 2011), <u>Brincat & Others *v.* Malta</u> (deċiża mill-Qorti ta' Strasburgu fl-24 ta' Lulju 2014) u Saliba & Others *v.* Malta (deċiża mill-Qorti ta' Strasburgu fit-22 ta'

---

5 *Recte*, tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

Novembru 2011). Finalment l-esponent jagħmel referenza ukoll għall-kawża deċiża fejn l-istess eċċezzjoni ġiet miċħuda abbażi tal-istess raġunament hawn sottomess. Infatti f'dik il-kawża l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet qalet hekk: "Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2011 fil-kawża Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq v Malta' l-*ECtHR* qalet hekk:- '*38. The Court observes that in the absence of an express limitation, the Maltese declaration of 30 April 1987 is retrospective and the Court is therefore competent to examine facts which occurred between 1967 the date of ratification and 1987 the date on which the State's declaration under former Article 25 became effective (see Bezzina Wettinger and Others v. Malta, no. 15091/06, § 54, 8 April 2008). As to the antedecent period, even though the Convention was applicable to Maltese territory, this had its basis in the United Kingdom's Convention obligations. The present complaint is directed against the Maltese Government. Thus, the Court can only take into consideraiton the period which has elapsed since the Convention entered into force in respect of Malta (1967)...*' Din id-direzzjoni ġurisprudenzjali għandha tgħodd għall-każ tal-lum. Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali." *Inoltre* jiġi rilevat li t-test tal-artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni jistipula li l-Parlament ta' Malta jrid jagħmel liġijiet li huma konformi mal-ħarsien sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti. Isegwi għalhekk illi l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ma seta' qatt jeskludi l-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali li Malta kienet diġà rrikonoxxiet.«

28. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-art. 7, mhux tal-Konvenzjoni, kif jingħad fir-rikors tal-appell, iżda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"]:

> »7. Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 … … … ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4.«

29. Din hija disposizzjoni li tinsab fil-liġi domestika u mhux fil-Konvenzjoni nfisha; għalhekk ma jistgħux ikunu ta' gwida s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ċitati mill-attur, għax dik il-qorti tinterpreta d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni mhux tal-Kap. 319.

30. Inċidentalment tista' tqarraq it-tweġiba tal-attur meta dan jgħid illi b'sentenza mogħtija fl-24 ta' April 2015 fl-ismijiet Joachim magħruf bħala Jack Galea *v.* L-Avukat Ġenerali *et* (rikors numru 17/2010) din

il-qorti kienet ikkonfermat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione temporis*. Tassew illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet dik l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti, u tassew ukoll illi din il-qorti kienet ikkonfermat dik is-sentenza, iżda l-appell kien sar mill-attur f'dik il-kawża li, naturalment, ma appellax minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet eċċezzjoni tal-konvenuti, u l-konvenuti ma kinux appellaw miċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tagħhom. Dik il-kwistjoni għalhekk kienet *res iudicata* u din il-qorti ma kellhiex opportunità terġa' tqisha. Dan ma jfissirx illi din il-qorti kienet tapprova d-deċiżjoni tal-ewwel qorti, kif donnu jrid jagħti x'tifhem l-attur fit-tweġiba tiegħu.

31. Fil-fatt din il-qorti ttenni dak li kienet qalet fis-sentenza fl-ismijiet <u>John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et*</u> mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2015, ċitata fir-rikors tal-appell, li, wara kollox, huwa dak li tgħid il-liġi stess, *viz.* li "ebda ksur tal-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 … … … ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4".

32. Madankollu, jista' jagħti l-każ illi l-ksur, għalkemm beda jseħħ qabel it-30 ta' April 1987, kompla jseħħ ukoll wara dik id-data, għax f'dak il-każ il-qorti jkollha kompetenza *ratione temporis*. F'dan il-kuntest iżda huwa relevanti dak li kompliet tgħid il-qorti fil-każ ta' <u>Formosa</u>, illi:

> »37. ... wieħed irid jiddistingwi l-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni mill-kontinwazzjoni tal-effetti tal-vjolazzjoni. Sabiex din il-qorti jkollha l-kompetenza neċessarja f'azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija l-vjolazzjoni li trid tkun waħda kontinwa, u li għalhekk tipperdura wara t-30 ta' April 1987, u ma hux biżżejjed li jkunu l-effetti tal-vjolazzjoni li hekk jipperduraw mentri l-vjolazzjoni tkun waħda

istantanja, jew, kif iddeskrivietha l-Kummissjoni taħt il-Konvenzjoni "*the enduring effects of an act occurring at a given point in time*."

»38. Dan jikkonverġi wkoll mal-ħsieb tal-organi taħt il-Konvenzjoni dwar il-kunċett ta' "*continuing situation*" li dwaru l-Kummissjoni spjegat:

> "... the concept of a 'continuing situation' refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims ... Since the applicants' complaints have as their source specific events which occurred on identifiable dates, they cannot be construed as a 'continuing situation' for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of 'Bloody Sunday' continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an event has significant consequences over time does not itself constitute a "continuing situation."

»39. Sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx waħda li hi kontinwa u li għalhekk ipperdurat u pprolungat ruħha wara l-mument inizjali li fiha ġiet kommessa jrid jittieħed qies tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jagħtu lok għall-ilment.«

33. Fil-każ ta' llum l-attur qiegħed jilmenta minn ksur tad-dritt għat-tgawdija ta' ħwejġu, imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, għax ma setax jinqeda bil-permess tal-bini maħruġ fis-6 ta' Novembru 1978, kif ukoll ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, għax ma kellux aċċess għal qorti għax baqa' bla tweġiba dwar it-talba tiegħu biex jingħata linja tal-bini. Qiegħed jilmenta wkoll illi kien vittma ta' diskiminazzjoni bi ksur tad-dritt imħares taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni moqri flimkien mal-art. 6 u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

34. Dwar il-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà, *i.e.* għat-tgawdija tal-jedd mogħti bil-permess tal-bini, il-qorti tosserva illi l-permess, kif rajna, nħareġ fis-6 ta' Novembru 1978 u kien jiswa għal sena. L-attur għalhekk baqa' mċaħħad mill-jedd illi jinqeda bil-permess għaż-żmien kollu sakemm dak il-permess baqa' fis-seħħ, *i.e.* sas-6 ta' Novembru 1979. Madankollu, għalkemm kien hemm "*continuing situation*" fis-

sens li l-ksur, jekk kien hemm ksur, ma seħħx b'att wieħed iżda baqa' jseħħ għal sena, xorta ż-żmien li matulu kien hemm din is-sitwazzjoni kontinwata ntemm qabel it-30 ta' April 1987, u għalhekk tonqos il-kompetenza ta' din il-qorti *ratione temporis* taħt l-art. 7 tal-Kap. 319.

35. L-istess jingħad għall-ilment taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni. L-ilment tal-attur huwa illi kien hemm dewmien esaġġerat sabiex tinħariġlu l-linja tal-bini u ma ngħata l-ebda raġunijiet għaliex ma nħarġitx din il-linja tal-bini: għalhekk ma setax jikkontesta d-deċiżjoni tal-awtoritajiet quddiem qorti billi effettivament ma kienx hemm deċiżjoni. Tassew illi, ladarba l-permess kien jiswa għal sena u kien soġġett għall-kondizzjoni li tinħareġ il-linja tal-bini, l-attur kellu aspettativa leġittima illi jingħata l-linja tal-bini fi żmien raġonevoli matul dik is-sena jew li jingħata r-raġunijiet għala l-linja tal-bini ma nħarġitlux sabiex ikun jista' jikkontesta dik id-deċiżjoni fi żmien utli. Iżda jekk in-nuqqas li tinħariġlu l-linja tal-bini jew li jingħata r-raġuni għala ma nħarġitx huwa tassew ksur tal-jedd għal aċċess għal qorti, dak il-ksur baqa' jseħħ sa mhux aktar tard mis-6 ta' Novembru 1979, meta skada l-permess. Il-ksur għalhekk seħħ qabel it-30 ta' April 1987 u ma baqax iseħħ sa dik id-data.

36. L-attur igħid ukoll illi kien talab illli l-permess li ngħata fl-1978 jiġġedded u lanqas għal din it-talba ma ngħata tweġiba. Iżda ma huwiex minnu li l-attur ma ngħatax tweġiba għal din it-talba tiegħu għax kien mgħarraf illi l-permess ma kienx sejjer jiġġedded minħabba l-problema

ta' għargħar fiż-żona tal-proprjetà tal-attur[6]. F'kull każ dan ukoll seħħ qabel it-30 ta' April 1987.

37. L-istess konsiderazzjonijiet dwar kompetenza *ratione temporis* igħoddu wkoll għall-ilment taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni dwar diskriminazzjoni, u l-qorti għalhekk sejra tilqa' l-aggravju tal-konvenuti dwar dan l-ilment ukoll.

38. L-attur għamel talba darbtejn oħra mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jingħata permessi fuq l-art – darba fl-1997 għall-bini ta' lukanda u darb'oħra fl-1999 għal "*ground floor commercial premises and holiday apartments*" – u dawn it-talbiet ma ntlaqgħux. Dawn kienu applikazzjonijiet ġodda u mhux marbuta mal-permess li dwaru saret il-kawża – il-permess tal-bini li jġib in-numru 4088/78/466/76 maħruġ fis-6 ta' Novembru 1978 – u li dwaru l-ewwel qorti sabet ksur.

39. F'kull każ, għalkemm il-fatti marbuta ma' dawn iż-żewġ applikazzjonijiet seħħew wara t-30 ta' April 1987 u għalhekk (kieku kienu jifformaw parti mill-meritu tal-kawża) ma jintlaqtux bl-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione temporis*, il-qorti madaknollu ma tarax li kien hemm xi ksur ta' drittijiet fondamentali tal-attur f'dawn iż-żewġ każijiet. L-awtorità kellha s-setgħa legali li tirrifjuta l-applikazzjonijiet sakemm mhux arbitrarjament jew għal raġunijiet ħżiena, u f'dak il-każ l-attur kien ikollu rimedji taħt il-liġi ordinarja. L-attur ma ressaq l-ebda prova li turi li dawn id-deċiżjonijiet tal-awtorità ma tteħdux fi żmien raġonevoli

[6] Ara, b'mod partikolari, *foll*. 226, 240, 241, 247, 248 u 250 tal-proċess tal-ewwel qorti.

jew li l-awtorità ma tatx raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha jew li dawk ir-raġunijiet kienu arbitrarji.

40. Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju tal-konvenuti taħt l-art. 7 tal-Kap. 319 (it-tieni aggravju) għandu jintlaqa', u ma jibqax meħtieġ illi l-qorti tqis it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji tal-konvenuti u l-ewwel u t-tieni aggravji li ressaq l-attur fl-appell inċidentali tiegħu (dwar il-konklużjoni tal-ewwel qorti li ma kienx hemm ksur tal-art. 14 ta' Konvenzjoni u dwar ir-rimedju).

41. Ngħaddu issa għas-sitt u l-aħħar aggravju tal-konvenuti li jolqot l-ispejjeż tal-kawża. Fissru dan l-aggravju kif ġej:

> »Illi s-sitt aggravju tal-appellanti huwa li … … … l-esponenti ma għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża odjerna *stante* li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jippreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellat.«

42. L-attur wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

> »Illi dwar is-sitt aggravju jingħad biss illi huwa evidenti li jekk irriżulta li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent allura kjarament l-ispejjeż għandu jbatihom min iġorr ir-responsabbiltà għal dik il-vjolazzjoni, u ma jistgħux l-appellanti jiġu eżonerati milli jġorru tali spejjeż.«

43. Ladarba, billi sejjer jintlaqa' t-tieni aggravju, il-qorti sejra tħassar is-sentenza finali tal-ewwel qorti li sabet ksur tad-drittijiet tal-attur, l-ispejjeż għandu jħallashom l-attur, ħlief għal-parti mill-ispejjeż tas-sentenza *in parte* tas-27 ta' Novembru 2014 li sejra tiġi riformata.

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti:

    i. tirriforma s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2014 billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittim-

azzjoni passiva tal-Avukat Ġenerali u laqgħet l-istess eċċezzjoni mressqa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u tħassarha fejn ċaħdet l-istess eċċezzjoni dwar nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Prim'Ministru, u, minflok, teħles lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. tħassar is-sentenza finali tad-29 ta' Settembru 2016, u, minflok, tiddikjara li taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ma hemmx lok għal din l-azzjoni tallum taħt l-art. 4 tal-istess Att;

iii. tordna li l-ispejjeż tas-sentenza tas-27 ta' Novembru 2014 jinqasmu hekk: dawk tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju jħallashom l-attur, u l-ispejjeż l-oħrajn iħallashom l-Avukat Ġenerali; u

iv. tordna li l-ispejjeż tas-sentenza finali tad-29 ta' Settembru 2016 iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df